**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 193/2021 RM**

**Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1425/2021 fl-ismijiet:-**

**L-Awtorita` tal-Ippjanar**

**-Vs-**

**Austin Darmanin**

**Illum, 6 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Austin Darmanin ipprezentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Ġunju 2021fejn ippremetta u talab :-

Illi fl-10 ta' Gunju, 2020 [recte : 2021] ġiet ippreżentata ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi li permezz tagħha l-mittenti Awtorita tal-Ippjanar interpellat lill-esponenti Austin Darmanin sabiex iħallas is-somma ta' tlettax il-elf tmien mija u ħamsin Euro (€13,850) bilanċ minn somma akbar, rappreżentanti ħlas allegatament dovut lill-Awtorita tal-Ippjanar bħala multa għal kull ġurnata in forza ta' Regolament

3 tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata [Avviz Legali 276 tas-sena 2012] rigwardanti żvilupp mingħajr permess kif deskritt fl-Avviż ta' Twettiq bir-referenza ECF320/14 u dana skond fattura 11062 kopja ta' liema tinsab unita ma' l-ittra uffiċjali suriferita u mmarkata bħala Dokument A Illi l-esponenti Austin Darmanin jixtieq topponi din it-talba għall-ħlas billi huwa ma huwiex qiegħda taqbel ma' l-ammont reklamat u mitlub. Għaldaqstant in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq esposti li ser jiġu imfissra aħjar u ppruvati f'aktar dettal fil-kors tas-smigh ta' dan ir-rikors, l-esponenti rikorrenti Austin Darmanin, umilment jitlob għat-tenur ta' sub-inċiż (7) tal-Artikolu 100 tal-Att dwar l-Ippjanar Tal-Iżvilupp - Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta, illi t-talba għall-ħlas tal-ammont reklamat u mitlub fl-imsemmija ittri uffiċjali tiġi dikjarata bħala waħda infondata u konsegwentement riġetata u dan bl-ispejjeż.

Rat ir-Risposta tal-Awtorita` tal-Ippjanar ippreżentata fid-29 ta’ Lulju 2021 fejn ġie eċċepit:-

*“Illi r-rikors tar-rikorrent għandu jiġi miċħud billi:-*

1. L-oġġezzjonijiet u l-kontestazzjonijiet tar-rikorrenti rigwardanti il-ħlas mitlub mill-Awtorita' permezz tal-Ittra Uffiċjali Numru 1425/2021 ma fihom l-ebda siwi la fattwali u lanqas legali;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti ma għandux jinqeda b'dan ir-rikors u b'dawn il-proċeduri sabiex jikkontesta l-mertu per se tal-enforcement notice;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ġaladarba r-rikors hu nieqes minn spjegazzjoni ċara li tfisser b'mod ċar u xieraq ir-raġunijiet li fuqhom ir-rikorrenti qed jsejjes l-oġġezzjonijiet tiegħu, l-Awtorita' qiegħda tirriserva li

tressaq risposti ulterjuri, jekk ikun il-każ, dejjem bil-permess ta' dina l-Onorabbli Qorti;

Illi għar-raġunijiet premessi, it-talbiet tar-rikorrenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Semghet ix-xhieda u rat l-Affidavit tar-rikorrent u l-Affidavit ta’ Chris Falzon;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukat tal-Awtorita’ tal-Ippjanar fis-seduta tat-22 ta’ Ġunju 2022;

Rat illi r-Rikors gie mħolli għal-lum għad-deċizjoni finali;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tar-Rikors promotur, ir-rikorrent ipprevalixxa ruħu mill-proċedura taħt is-subartikoli (7) u (8) tal-Artikolu 100 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap. 552). Dan wara li huwa gie notifikat bl-att gudizzjarju pprezentat fl-10 ta’ Ġunju 2021 (Numru 1425/21) u d-dikjarazzjoni guramentata annessa magħha[1] li ġew ipprezentati mill-Awtorita` tal-Ippjanar a tenur tas-subartikoli (6) u (7) tal-Artikolu 100 tal-Kap. 552 biex tirkupra dejn.  Dan id-dejn, fil-kaz in diżamina, jikkonsisti fil-multa għal kull ġurnata li hija maħsuba fir-regolament 3 tal-Avviz Legali 276 tal-2012[2], liema multa

[1] Fol. 50 *et seq*.

[2] S.L. 522.24.  Dawn ir-regolamenti gew maghmula bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 100 tal-Kap. 552 li jipprovdu hekk:- “(4*)  Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet jew regolamenti maħruġa taħt dan l-Att, meta ma jsirx appell minn avviż ta’ twettiq u s-sid jew l-okkupant tal-art soġġetta għall-avviż ta’ twettiq jew kull persuna responsabbli għall-atti msemmija fl-avviż, jonqos milli jikkonforma ruħu ma’ dak l-avviż ta’ twettiq fiż-żmien preskritt fl-avviż ta’ twettiq, dik il-persuna għandha tkun obbligata li tħallas multa ta’*

ġiet imposta in segwitu għan-notifika lir-rikorrent tal-Avviz biex Tieqaf jew ta' Twettiq EC/00320/14[3] maħruġ skont l-Artikolu 86 tal-Kap. 504[4] għall-perijodu bejn 17 ta' Mejju 2016 sal-21 ta' Novembru 2017[5], din tal-aħħar id-data meta l-illegalijiet riskontrati fis-sit, tneħħew.

Id-dispożizzjonijiet relattivi tal-leġislazzjoni sussidjarja 552.24 li jirregolaw dan il-proċediment, jipprovdu:-

3(1) *Meta l-Awtorità tagħti avviż bil-miktub lil xi persuna skond l-artikolu 86 jew 88 ta' l-Att fir-rigward ta' ksur li jkun sar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorita` għandha tavża wkoll lil dik l-istess persuna li hu jkun qiegħed jiġi soġġett għal multa għal kull ġurnata wara sittax-il ġurnata mid-data tan-notifika ta' l-avviż kif stabbilit u stipulat fid-dispożizzjonijiet ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.*

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti li joħrogu mill-provi u l-atti ta' dan il-proċediment, jirrizulta illi l-Awtorita` pproċediet biex tenforza l-pretensjoni taghha għall-hlas tal-multa li tikkontendi li hija dovuta lilha in linea in konnessjoni mal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF00320/14 maħruġ fis-17 ta' Novembru 2014[6] fil-konfront *inter alia* tar-rikorrent. Dan l-Avviż inħareġ fir-rigward ta' ksur tal-kontroll tal-ippjanar permezz

---

*kuljum li għandha tkun regolata b'regolamenti magħmula mill-Ministru, li ma tkunx teċċedi ħamsin euro (€50) għal kull jum li għandha tapplika mill-jum li dik l-illegalità msemmija fl-avviż ta' twettiq li jkun notifikat, tkompli …"* Għalkemm ir-regolamenti fl-Avviz Legali 276 tal-2012 (S.L. 522.24) gew promulgati b'applikazzjoni tal-Artikoli 61 u 79 tal-Kap. 504, il-legislazzjoni sussidjarja kollha magħmula taht l-imsemmi Kapitolu 504, giet trasposta *inter alia* ghall-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta cioe` l-Att dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp li fl-Artikolu 100(4) tieghu, jipprospetta l-hlas tal-multa ghal kull gurnata f'kaz ta' nuqqas ta' konformita` mal-Avviz mahrug skont l-Artikolu 86 tal-Kap. 504.

[3] In-notifika lir-rikorrent tal-Avviz bin-Numru EC/00320/14 tirrizulta mid-dokument a folio 69 u minn Dok. RL6, folio 71.

[4] Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp.

[5] Dok. RL19, folio 97: il-multa ġiet rikomputata minflok b'effett mid-19 ta' Novembru 2014 sal-21 ta' Novembru 2017, mis-17 ta' Mejju 2016 sal-21 ta' Novembru 2017, sabiex mis-somma ta' €23,461, din ġiet ridotta għas-somma ta' 13,850.

[6] Dok. RL5.

ta' żvilupp konsistenti « *minn tinda/struttura imqegħda fuq art pubblika kif ukoll tabelli fl-istess sit u dan kollu mingħajr il-permessi neċessarji.* »

Jirriżulta li s-sit fejn sar il-ksur tal-kontroll tal-ippjanar u li jinsab milqut bl-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq in diżamina, hija l-art pubblika fuq in-naħa tax-xellug ta' Pjazza San Ġwann fil-Belt, Valletta[7], liema żona tinsab fil-pussess tar-rikorrent u oħrajn b'konċessjoni mingħand l-Awtorita' tal-Artijiet (Government Property Division)[8]. Jirriżulta wkoll li dan l-Avviż jolqot sewwasew l-istrutturi u tined li tqiegħdu mingħajr permess fil-misraħ u dan kif indikat fis-*site plan* mertu tal-istess Avviz[9].

Il-pożizzjoni tal-Awtorita' hija li din iż-żona partikolari fil-misraħ[10], għalkemm tabilħaqq konċessa b'*encroachment* mingħand l-Awtorita' tal-Artijiet biex tintuża għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet, m'hijiex koperta b'permess tal-ippjanar mingħand l-istess Awtorita' għat-tqegħid ta' tined u tabelli, iżda minkejja dan, fis-sit in diżamina tqiegħdu strutturi konsistenti f'tined u tabelli mas-sit kollu u dan kontinwament fuq perijodu ta' xejn inqas minn tliet snin. Skont l-Awtorita' l-effetti tal-Avviż waqfu biss fil-21 ta' Novembru 2017 meta, fuq spezzjoni li saret mill-Awtorita' fis-sit, ġie kostatat li t-tinda tneħħiet u tneħħew ukoll l-imwejjed u siġġijiet u umbrelel b'mod li l-pjazza kienet ħielsa minn imwejjed u sigġġiet u umbrelel.

Għalkemm mill-atti jirriżulta li kien hemm fis-seħħ fuq parti mis-sit konċess lir-rikorrent, permess tal-ippjanar (PA3594/09) għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet, dan il-permess ma ġiex esebit fl-atti u għalhekk ma jirriżultax b'ċertezza l-iżvilupp jew l-użu li huwa kopert b'dan il-permess. Fil-fatt, mix-xhieda ta' Roderick Livori u d-dokumenti esebiti minnu[11], il-Qorti fehmet illi bl-applikazzjoni PA3594/09, ir-rikorrent kien talab li jiġi sanzjonat it-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fis-sit, liema

---

[7] Inti u tħares lejn il-Konkatidral ta' San Ġwann.
[8] Encroachment 96030, ara Dok. RL7 folio 72 kif ukoll Affidavt tar-rikorrent, folio 49.
[9] Vide Dok. RL5 folio 68, *tergo*.
[10] Indikata fuq site plan Dok. RL2.
[11] Ara b'mod partikolari Dok. RL3, folio 65 *et seq.*, u Dok. RL4.

applikazzjoni kienet ġiet approvata iżda skadiet fit-3 ta' Settembru 2013[12], ċioe' qabel inħareġ l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq fis-17 ta' Novembru 2017. Kemm hu hekk, id-dokumenti fl-atti juru li f'Ottubru 2014 ir-rikorrent issottometta applikazzjoni biex dan il-permess għat-tqegħid u siġġijiet jiġi estiż iżda, skont kif xehed l-istess Roderick Livori, din l-applikazzjoni ġiet irtirata.

Huwa minnu li l-iskambju tal-korrispondenza li saret bejn Chris Falzon u Robert Vella għan-nom tal-Awtorita' tal-Ippjanar fis-27 ta' Ottubru 2015[13], juri li l-permess PA3954/09 kien issanzjona t-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet u l-armar ta' umbrelel fil-pjazza, bil-kundizzjoni speċifika li l-umbrelel ikunu ta' kulur ċar u naturali, b'diżinn uniformi u mingħajr reklami. Iżda r-rikorrent, li fuqu kien jinkombi l-oneru li jressaq prova f'dawn il-proċeduri li l-pretensjoni tal-Awtorita' hija infondata, baqa' ma weriex li, kuntrarjament għal dak li xehed ir-rappreżentant tal-Awtorita', il-permess PA3954/09 ma kienx skada jew kien ġie estiż b'mod li kien għadu fis-seħħ fiż-żmien meta nħareġ l-Avviż ta' Infurzar in diżamina.

Il-Qorti tosserva wkoll li mkien fix-xhieda bl-Affidavit tar-rikorrent u ta' Chris Falzon, ma ġie allegat li s-sit kien effettivament kopert b'permess fiż-żmien in kwistjoni għat-tqegħid ta' umbrelel, wisq inqas it-tqegħid ta' tined jew tabelli. Għall-Qorti, dan kollu ifisser li fiż-żmien meta nħareġ l-Avviż ta' Infurzar in diżamina, is-sit ma kien kopert bl-ebda permess għat-tqegħid ta' xi struttura fuq is-sit, inkluż tined. Dan jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Roderick Livori li kkonferma li mill-ispezzjoni li saret minn uffiċjali tal-Awtorita' fl-20 ta' Awwissu 2015, instab li l-umbrelel illegali kienu għadhom armati[14].

Fir-rigward, Roderick Livori xehed[15] illi l-għada li ġie kostatat minn *site inspection* li sar mill-uffiċjali tal-Awtorita' li l-istrutturi, tined, imwejjed, siġġijiet u tabelli kienu ġew rimossi, ġiet sottomessa applikazzjoni PA1854/18 "*to sanction extension of*

[12] Dan in segwitu għall-permess PA06096/98 li kien approva t-tqegħid temporanju ta' mwejjed u siġġijiet fis-sit.
[13] Dok. 14 anness mal-Affidavit ta' Chris Falzon.
[14] Vide ritratt Dok. RL8.
[15] Xhieda tal-15 ta' Diċembru 2021, fol. 58, 59.

*outdoor catering area .. for the public open space comprising of tables, chairs and umbrellas in view of PA3549/09.*"[16] Mid-dokument relattiv jirriżulta illi effettivament, ir-rikorrent iddeskriva hekk il-proposta tiegħu f'din l-applikazzjoni: "*Placing of tables, chairs and umbrellas in lieu of PA 3594/09*"[17], liema applikazzjoni ġiet eventwalment approvata. Għall-Qorti dan ma jfisser xejn għajr rikonoxximent mir-rikorrent li t-tqegħid ta' umbrelel u tined fis-sit in diżamina ma kienx kopert b'permess tal-ippjanar fiż-żmien kollu li kien fis-seħħ l-Avviż ta' Infurzar EC00320/14.

Ikkunsidrat;

Illi fil-fatt, il-kontestazzjoni tar-rikorrent fir-Rikors promotur tal-pretensjoni tal-Awtorita' għall-ħlas tal-multa għal kull ġurnata ma jidhrix li hija fondata fuq il-fatt li t-tqegħid tat-tined u tabelli kien kopert b'permess, iżda pjuttost fuq l-allegazzjoni li l-ammont reklamat mhux dovut fl-intier tiegħu għaliex it-tined il-kbar li jirriżulta li tqegħdu fis-sit in diżamina, ċioe' fil-pjazza, kienu jinkrew u jintramaw biss perijodikalment għal perijodi qosra u mhux kontinwament matul iż-żmien kollu li kien fis-seħħ l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq. In sostenn ta' dan, ir-rikorrent ipproduċa fl-atti riċevuti u dokumenti oħrajn, fosthom ritratti, li juru li effettivament, it-tinda l-magħluqa li tidher fir-ritratti kienet tiġi armata biss fix-xhur tax-xitwa u mbagħad kienet tiġi żarmata.

Għalkemm dan jista' jkun minnu u l-Qorti hi konvinta li effettivament, it-tined il-kbar magħluqin ma kienux armati fil-pjazza għaż-żmien kollu li kien fis-seħħ l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq (EC00320/14), ma jirriżultax illi r-rikorrent kien għarraf lill-Awtorita' kull meta t-tined kienu tneħħew.

---

[16] 22 ta' Novembru 2017.

[17] Dok. RL15, folio 85 *et seq*.

Illi minn qari tad-dispożizzjonijiet legali relevanti tal-Kap. 504[18], jirriżulta illi l-obbligu tal-persuna li tirċievi Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq maħruġ mill-Awtorita`, huwa li tieqaf minnufih milli tkompli twettaq l-attivita' illegali fuq is-sit, tneħħi kull żvilupp illegali li jkun sar u treġġa' s-sit lura fl-istat li kien fih qabel sar l-izvilupp minghajr permess[19]. L-obbligu tat-tneħħija tal-iżviliupp illegali u r-ripristinar tas-sit irid jitwettaq entro ż-żmien speċifikat fl-Avviż liema żmien, fl-Avviż maħruġ fil-konfront tar-rikorrent[20], huwa ta' sittax-il gurnata mill-ħruġ tal-Avviz[21]. Il-persuna li fil-konfront taghha jkun inhareġ dan l-Avviż tista' tagħżel, minflok tneħħi l-iżvilupp illegali, li tapplika mal-Awtorita' f'tentattiv li jigi sanat l-iżvilupp li jkun sar mingħajr permess u tista' wkoll tinterponi appell mill-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Iżda fi kwalsiasi kaz li jkun, mill-egħluq taż-żmien speċifikat fl-Avviż jibdew jiddekorru l-multi ġornalieri kif maħsub fir-regolament 3 tal-L.S. 522.24, liema multi jibqgħu jakkumulaw sakemm l-iżvilupp illegali jitneħħa fl-intier tiegħu jew sakemm ikun hemm eżitu pożittiv tal-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp sanatorju, skont il-kaz[22], sa massimu ta' €50,000.

Applikat dan għall-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tqis li ġaladarba kien inħareġ Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq fil-konfront tas-sit - debitament notifikat lir-rikorrent - minħabba tabilħaqq it-tqegħid illegali ta' tined, ir-rikorrent qatt ma seta' leġittimament jerġa' jarma dawn it-tined jekk u wara li dawn ikunu tneħħew. L-obbligu tar-rikorrent, ġaladarba kien notifikat bl-Avviż, kien li jneħħi t-tined minnufih u jekk kien serjament bi ħsiebu jwaqqaf id-dekorriment tal-multa ġornaliera, li jgħarraf lill-Awtorita' tempestivament bl-ottemperanza tiegħu mal-ordni mogħti fl-

[18] Senjatament, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 86.
[19] Ara Artikolu 86(7) tal-Kap. 504.
[20] EC/00320/14.
[21] *"L-Awtorita` ta-Ippjanar tesigi li jieqaf immedjatament l-izvilupp hawn fuq imsemmi u kull zvilupp iehor fuq is-sit in kwistjoni, jekk ghadu jsir, ma jinbeda ebda zvilupp iehor fuq is-sit, u jittiehdu dawn il-passi sabiex jieqaf il-ksur : Tnehhi kull zvilupp li sar minghajr permess u tregga' lura s-sit ghal kif kien, qabel ma sar l-imsemmi zvilupp, fi zmien sittax-il gurnata.* » - Dok. RL5, fol.68.
[22] F'kaz li l-Avviz mahrug taht il-provvedimenti tal-Artiklu 86 tal-Kap. 504, jigi annullat skont kif mahsub fis-subartikolu (12)(a) tal-Artikolu 86 tal-Kap. 504, l-ebda multa ma tibqa' dovuta.

istess Avviż. Iżda billi huwa indiskuss u wkoll inkontestat li f'dan il-każ ir-rikorrent qatt ma għarraf lill-Awtorita' tempestivament bit-tneħħija tat-tined illegali[23], żgur li ma jistax jippretendi li l-multa ġornaliera ma kellhiex tiddekorri matul dawk il-perijodi ta' żmien meta t-tinda setgħet ma kienetx armata. **Wisq inqas seta' r-rikorrent, jekk verament kien hemm żmien meta t-tined illegali ma kienux armati, jerġa' jarma l-istess xorta ta' tinda waqt illi kien għadu fis-seħħ l-Avviz ta' Infurżar in diżamina**. Fil-fatt, mill-provi jirriżulta li fis-7 ta' Jannar 2015 inżammet spezzjoni fuq is-sit fejn ġie kostatat li t-tined illegali u umbrelel kienu għadhom fil-post filwaqt li minn spezzjoni oħra li saret fl-4 ta' Frar 2016, it-tinda kienet tkabbret u b'hekk kien inħareġ *breach of notice*[24]. Imbagħad, fil-21 ta' Marzu 2016 din it-tinda tneħħiet u għalhekk waqqfu wkoll il-multi tal-*breach of notice*.

Il-Qorti tosserva wkoll illi minkejja li evidentement ir-rikorrent kien notifikat bil-ħruġ tal-Avviż EC00320/14, ma jirrizultax illi huwa interpona appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar a tenur tal-Artikolu 86 tal-Kap. 504. Lanqas jidher li hemm xi kontestazzjoni da parti tar-rikorrent dwar il-validita` tal-ħruġ tal-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq EC/00320/14 fil-konfront tieghu jew dwar il-kategorija tal-multa li ġiet applikata fl-Avviż tal-Infurzar. Huwa wkoll inkontestat illi r-rikorrent baqa' ma għamel xejn biex jottempera ruħu mal-ordni mogħtija lilu mill-Awtorita' u ma neħħiex l-istrutturi illegali definittivament la entro sittax-il ġurnata biex jevita d-dekorriment tal-multa gornaliera u lanqas wara. Baqa' wkoll ma ripristinax is-sit entro t-terminu specifikat fl-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq biex ma tibdiex tiddekorri l-multa ġornaliera. Kemm hu hekk, jirriżulta illi r-rikorrent, inspjegabbilment, naqas ukoll milli japplika għas-sanzjonar tat-tqegħid ta' dawn l-istrutturi jew biex jestendi l-effetti tal-permess PA3459/09 **ħlief wara** li l-Avviż ta' Infurzat tneħħa tliet snin wara li nħareġ.

[23] Jirriżulta li r-rikorrent għarraf lill-Awtorita' formalment bit-tneħħija tat-tined biss f'Jannar 2018 – ara dikjarazzjoni ġuramentata, Dok. RL14, fol. 82, ċioe' **wara** t-tneħħija tal-Avviż tal-Infurzar.

[24] Vide Dok RL9, ritratt.

Minflok, jirriżulta li dak li għamel hu li injora b'mod assolut l-Avviż ta' Infurzar għal tliet snin sħaħ u ma jirriżulta minn imkien li r-rikorrent kien għarraf lill-Awtorita' f'xi waqt matul il-perijodu li kien fis-seħħ l-Avviż l-illegalitajiet kienu tneħħew: it-tneħħija tal-istrutturi illegali ġiet kostatata biss minn spezzjoni li saret mill-Awtorita' fil-21 ta' Novembru 2017 u ma jirriżultax li din l-ispezzjoni seħħet fuq talba tar-rikorrent jew l-operatur tas-sit. Kif ingħad, ir-rikorrent sottometta applikazzjoni mal-Awtorita' ghall-hrug ta' permess ta' żvilupp biss wara li l-Avviż ma kienx għadu fis-seħħ. Għalkemm huwa minnu li r-rikorrent ikkontesta l-komputazzjoni tal-multa minħabba li l-armar tat-tinda kien biss wieħed perijodiku, kif diġa' ġie stabbilit, dan l-argoment tiegħu huwa bla ebda siwi.

Għaldaqstant, il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrent li l-pretensjoni għall-ħlas li saret mill-Awtorita' tal-Ippjanar fl-ittra gudizzjarja bin-Numru 1425/21 hija infondata.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrent fir-Rikors tieghu tat-28 ta' Ġunju 2021, bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**